**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr Leonard Caruana LL.D (Melit.) M.A. (Fin. Serv.)**

Illum, 30 ta' Ottubru 2024

Kump Nru. 1098/2023

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Seyble Grech**

**(K.I. Nru. 0184105L)**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-akkużat Seyble Grech ta' tmintax (18)-il sena, iben Brian Grech u Rita xebba Armeni, imwieled ġewwa l-Pietà, Malta nhar is-06 ta' Ġunju 2005 u jirrisjedi ġewwa l-fond 89, Cindy, Triq L-Izbark tat-Torok, Birżebbuġa u detentur tal-Karta tal-Identità Maltija bin-numru 0184105L u f'isem ir-Repubblika ta' Malta akkużat talli f'xi ħin bejn in-nofs il-lejl (00:00) u t-tlieta (03:00) ta' filgħodu tat-tnax (12) ta' Diċembru 2023 ġewwa Triq G. Dimech Debono, Birkirkara u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

1. Volontarjament ta n-nar lill-vettura tal-għamla 'Mazda Demio' bin-numru ta' reġistrazzjoni GBW775 waqt illi ma kien hemm l-ebda persuna hemm ġewwa u filwaqt illi n-nar kien qiegħed b'mod li ma jistax iqabbad ħruq f'bini ieħor, għarix, jew lok ieħor, fejn waqt il-ħruq ikun hemm xi persuna hemm ġewwa għad-detriment ta' Natasha Grech minn Birkirkara u/jew persuni oħra u/jew entitajiet oħra;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, liema ħsara kienet iżjed minn elfejn u ħames mitt ewro (€2,500) u ċioè:

    i. Il-vettura tal-għamla Mazda Demio bin-numru tar-reġistrazzjoni GBW775, propjetà ta' Natasha Grech jew ta' xi persuna/i u/jew xi entità u/jew entitajiet oħra;

    ii. Il-vettura tal-għamla Toyota Vitz bin-numru tar-reġistrazzjoni DBM498, propjetà ta' Natalina Micallef jew ta xi persuna/I u/jew ta' xi entità u u/jew entitajiet oħra;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' Natasha Grech, Natalina Micallef u George Micallef billi jekk jidrilha li huwa xieraq u neċessarju u taħt dawk il-kundizzjonijiet kollha li tqis xierqa u opportuni, toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15A u 532A tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, tħaddem kontra l-ħati d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 532B u/jew tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija barra milli tapplika il-piena skond il-liġi, tapplika wkoll l-Artikoli 382, 383, 384 u 385 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurtà tal-partijiet leżi;

Rat li fis-seduta tal-21 ta' Diċembru 2023 stess l-akkużat irreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u fid-dawl ta' din l-ammissjoni il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u ngħata żmien xieraq sabiex, jekk irid, jerġa' lura minnha.

Rat illi fis-seduta tal-21 ta' Diċembru 2023 stess, l-akkużat talab illi jsir *pre-sentencing report* fil-konfront tiegħu, liema *pre-sentencing report* ġie ppreżentat quddiem din il-Qorti nhar it-28 ta' Ġunju 2024;

Rat id-dokumenti kollha;

Semgħet lill-akkużat jikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża rigwardanti l-piena;

Ikkunsidrat:-

Illi dakinhar tat-12 ta' Diċembru 2023, il-pulizija mill-għassa tal-pulizija ta' Birkirkara ġew infurmati illi kien hemm vettura qed taqbad ġewwa Triq G. Dimech Debono f' Birkirkara. X' ħin marru fuq il-post, PC918, PS233, PC748 u PC207 raw vettura ta' l-għamla Mazda bin-numru ta' reġistrazzjoni GBW775 maħkuma min-nirien u b' konsegwenza, n-nar beda' jinfirex għal fuq vettura ta' l-għamla Toyota bin-numru ta; reġistrazzjoni DBM498 li kienet ipparkjata fl-akkwati.

Mir-rapport tal-Pulizija jirriżulta illi n-nar ma' kienx qed jidħol ġewwa r-residenzi privati u r-residenti li kienu jgħixu fir-residenzi fl-inħawi kienu diġà jinstabu barra. Fuq il-post irrikorrew il-membri tal-Protezzjoni Ċivili li kkontrollaw in-nirien. Il-Pulizija għarfu dan l-inċident bħala wieħed *arson* u talbu wkoll il-filmati minn CCTV cameras li kienu f'dawk

l-akkwati. Huma kellmu wkoll lill-parti leża Natasha Grech, *qua* sid il-vettura tal-marka Mazda li kienet ħadet in-nar.

Ikkunsidrat;

Illi l-akkużat ammetta l-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni tal-pulizija u anke meta tressaq b' arrest quddiem dina l-Qorti. Għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tiegħu, il-Qorti m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

Illi mir-rapport ippreżentat mill-Uffiċjal tal-Probation , il-Qorti semgħet illi l-akkużat kellu trobbija diffiċli fis-sens illi l-ġenituri tiegħu kienu sseparaw meta kien għad biss kellu sena u tlett xhur u minkejja din l-età tenera l-akkużat kien iħoss in-nuqqas ta' familja stabbli. Il-Qorti semgħet kif omm l-akkużat kienet abbandunatu u b' konsegwenza ta' dan huwa kien għadda minn trawma u kellu ħafna rabja għal dak li għadda minnu. Il-Qorti semgħet ukoll li l-akkuzat mhux l-ewwel darba li kien xellifha mal-ġustizzja u saħansitra kien qiegħed jiskonta sentenza ta' priġunerija.   Il-Qorti semgħet ukoll li l-akkużat ma kienx iġib ruħu tajjeb ġewwa l-ħabs.

Minkejja dan il-Qorti semgħet li l-akkużat kien fuq *prison leave* għaliex kien qiegħed jagħmel programm residenzjali, liema programm kien l-akkużat stess li wera x-xewqa li jagħmlu. Fil-fatt il-Qorti semgħet li l-akkużat xtaq jirranġa ħajtu u joqgħod 'l bogħod mill-kriminalita'. Il-Qorti semgħet li l-akkużat kien jaħdem xogħol relatat ma' membrane u l-imgħallem tiegħu kien lest li jerġa jdaħħlu jaħdem miegħu.

Ikkunsidrat;

Tenut kont ta' dan kollu il-Qorti hija tal-fehma li l-akkużat għandu jingħata ċ-ċans ibiddel ħajtu anke fid-dawl tal-fatt li għandu s-sapport ta' missieru, ħuh u n-nanniet paterni tiegħu u li għalhekk lesti li jgħinuh jaqbad it-triq it-tajba.  Illi skont ir-rapport dettaljat imħejji mill-Uffiċjal tal-Probation jidher li l-akkużat għandu bżonn l-għajnuna sabiex jegħleb id-diffikultajiet tiegħu, liema diffikultajiet huma frott esperjenzi koroh li għadda minnhom.  Illi fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi, il-Qorti ma tarax li piena ta' karċerazzjoni

effettiva tista' tibbenefika lill-akkużat. Il-Qorti, min-naħa l-oħra tqis ukoll is-severità tar-reati addebitati kontra l-akkużat u li l-konsegwenzi setgħu jkunu ferm agħar minn dawk li effettivament seħħew. Għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li minkejja li l-akkużat għandu jingħata l-għajnuna meħtieġa, tali għajnuna u monitoraġġ għandu jkun lejn il-massimu stabbilit mil-liġi biex b'hekk l-istess akkużat jibbenefika mill-massimu tal-għajnuna u wkoll hu stess jibqa' jiġi monitorjat għall-massimu taż-żmien permissibbli u jottempora ruħu mal-liġijiet ta' Malta.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 318 u 325 (1) (a) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li semgħet l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu, qed issib lil **Seyble Grech <u>ħati</u>** tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u wara li rat l-Artikolu 7, 11, 18 u 20 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta qed tagħmel Ordni ta' Probation u Servizz li permezz tiegħu:

1) Ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta kif reż applikabbli għall-Artikolu 18 permezz tal-Artikolu 20 tal-istess Kap, qed tqiegħed lill-ħati taħt Ordni ta' Probation għal perjodu ta' **tlett (3) snin** mil-lum; u

2) Ai termini tal-Artikolu 11 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta kif reż applikabbli għall-Artikolu 18 permezz tal-Artikolu 20 tal-istess Kap, qed tobbliga lill-ħati jaqdi Ordni ta' servizz fil-komunità għall-perjodu ta' mitt (100) siegħa.

Ai termini ta' l-Artikoli 7(7) u 11(4) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta reżi applikabbli għall-Artikolu 18 permezz tal-Artikolu 20 tal-istess Kap, il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar u li jiftiehem sew l-effett tal-Ordni kif ukoll dawk tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet mogħti kontestwalment ma' din is-sentenza u li jekk il-ħati jonqos li jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel xi reat iehor, huwa jkun jista' jingħata sentenza għar-reat li tagħhom instab ħati b'din is-sentenza.

Illi inoltre, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna wkoll il-ħruġ ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-ħati Seyble Grech u dan ai termini u kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti kontestwalment.

Inoltre, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 382A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tagħmel Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-akkużat a favur ta' Natasha Grech. Natalina Micallef u George Micallef għall-perjodu ta' sena (1) li għandu jibda jiddekorri mid-data tal-lum u dan bil-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet mogħti kontestwalment;

Illi finalment il-Qorti tqis li m'hemmx ħtieġa ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta peress li f'dan il-każ ma kien hemm ebda ħtieġa ta' ħatra ta' esperti.

Il-Qorti tordna illi ai termini tal-Artikoli 382A(2) u 412Ċ(6) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kopja ta' din is-sentenza kif ukoll tal-Ordni ta' Trażżin jiġu notifikati lill-Kummissarju tal-Pulizija.

Ai termini ta' l-Artikolu 11(5) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, kif reżi applikabbli għall-Artikolu 18 permezz tal-Artikolu 20 tal-istess Kap il-Qorti qed tordna li tingħata kopja ta' l- Ordni ta' Probation u Servizz lill-ħati, lid-Direttur tal-Uffiċju tal-Probation u Parole, lill-Uffiċjal Sorveljanti assenjat lill-ħati kif ukoll lill-awtoritajiet responsabbli mis-sorveljanza tat-twettiq ta' l-Ordni hawn fuq imsemmi.

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Atti kollha ta' dawn il-proċeduri u kopja ta' din is-sentenza jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali fiż-żmien mogħti mill-Liġi.

**Ft.Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv).**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**

**Deputat Reġistratur**